# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 25 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 93/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Daniel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Spiteri talli, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Novembru, 2000 u fis-sena ta' qabel din id-data, fin-Numero Uno, f'Ta' Qali, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu "medicina specifikata u psikotropika" bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat- 3 ta' Mejju, 2001, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Daniel Spiteri;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-18 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella ghax jikkontendi li l-ewwel qorti "erroneament illiberat lill-appellat stante li l-Ecstasy skond il-ligi hija medicina ristretta, mentri l-imputazzjoni tikklassifikaha bhala medicina specifikata". L-Avukat Generali jkompli billi jaghmel referenza ghal, u jiccita, kwazi testwalment, minn, is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Omar Mifsud***.

Dina l-Qorti tiddikjara bla tlaqliq li dana l-appell jirrazenta l-fieragh. L-appellant jidher li anqas biss intebah bid-differenza fondamentali bejn il-kaz ta' ***Omar Mifsud*** u l-kaz odjern. Fl-ewwel kaz kien hemm ammissjoni da parti ta'

l-imputat ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva; fil-kaz odjern hemm kontestazzjoni ta' l-imputazzjoni. Fil-kaz odjern il-Pulizija akkuzat lill-appellat, allura imputat, b'pussess ta' "medicina specifikata u psikotropika", meta suppost taf – bhalma suppost jaf l-Avukat Generali li johrog il-kunsens skond l-Artikolu 120A tal-Kap. 31 – li l-Ecstasy jew MDMA hija medicina ristertta u mhux specifikata. F'ebda stadju quddiem l-ewwel qorti ma ntalbet korrezzjoni ta' l-imputazzjoni mill-prosekuzzjoni. L-unika prova migjuba quddiem l-ewwel qorti hija l-istqarrija ta' l-appellat u t-tlett pilloli elevati mill-pussess tieghu. Fl-istqarrija tieghu l-appellat jghid li meta huwa gie arrestat mill-Pulizija huwa kellu fuqu tlett pilloli Ecstasy, u jghid ukoll kemm xtrahom u minn fejn. Permezz tal-verbali ta' l-20 ta' Frar, 2001 u tat-3 ta' Mejju, 2001 id-difiza ddikjarat li kienet qed taccetta li l-istqarrija kienet wahda kemm volontarja kif ukoll veritjera; u l-partijiet qablu wkoll li t-tlett pilloli kienu Ecstasy (b'mod, ghalhekk, li ma kienx hemm ghalfejn jigi nominat spizjar biex janalizzahom). Dana kollu, pero`, ma jammontax ghal ammissjoni ta' l-imputazzjoni, ammissjoni li fi kwalunkwe kaz trid tigi minn halq l-akkuzat (jekk dan jista' jitkellem) u mhux minn halq id-difensur tieghu. Id-difiza f'dan il-kaz kienet semplicement qed taqbel li l-appellat kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta, pero` kienet qed tikkontesta l-imputazzjoni, li hija ta' pussess ta' medicina specifikata. F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel qorti ma setghet qatt issib lill-appellat, allura imputat, hati ta' xi haga li ma kienx qed jigi akkuzat biha. L-akkuza ta' pussess ta' medicina ristretta ma tistax titqies bhala kompriza u involuta f'akkuza ta' pussess ta' medicina specifikata, jew vice versa.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur